



Brussell, 30 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7231/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0071(NLE)

TRANS 145

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont il-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja
stabbilita skont il-Protokoll tal-Lussemburgu
għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali
fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni approvat il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 (il-“Protokoll tal-Lussemburgu”) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE¹, u kisbet l-istatus ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika skont dak il-Protokoll.
- (2) L-Awtorità Superviżorja stabbilita permezz tal-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu (l-“Awtorità Superviżorja”) tista' temenda l-Istatuti f'konformità mal-Artikolu 12 tagħhom u r-Regoli ta' Proċedura tagħha f'konformità mal-Artikolu 18 tagħhom. Skont l-Artikolu 5(8) tal-Istatuti, l-awtorità Superviżorja hija meħtieġa li tapprova r-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji, żviluppati fil-qafas tal-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) (ir-“Regoli Mudell”) u l-emendi għar-Regoli Mudell.
- (3) Matul it-tielet sessjoni tagħha tal-14 ta' April 2026, fost punti oħra tal-aġenda, l-Awtorità Superviżorja hija mistennija tirrevedi l-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tagħha, u tiegħu nota tat-tielet reviżjoni tar-Regoli Mudell aġġornati (ir-“Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3)”).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, (ĠU L 353, 10.12.2014, p. 9, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/888/oj>).

- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja, peress li kull azzjoni mill-Awtorità Superviżorja li tikkonċerna r-Regoli Mudell tista' tinflwenza b'mod determinanti l-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773³ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614⁴. Barra minn hekk, l-emendi tal-Istatuti u għar-Regoli ta' Proċedura li għandhom jiġu adottati mill-Awtorità Superviżorja jistgħu jinflwenzaw b'mod determinanti l-parteciġazzjoni tal-Unjoni fl-Awtorità Superviżorja.

² Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/797/oj>).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u ġestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/773/oj).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1614/oj).

- (5) Fir-rigward tad-deċiżjoni proposta mis-Segretarjat tal-Awtorità Superviżorja li tittieħed nota ta', u li jiġu ppubblikati, r-Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3), irid jiġi nnutat li dik il-proposta mhijiex appoġġata mill-qafas legali tal-Awtorità Superviżorja, peress li l-Artikolu 5(8) tal-Istatuti tagħha jirrikjedu li l-Awtorità Superviżorja "tapprova r-Regoli Mudell u l-emendi tagħha." Meta jitqies li r-Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3) għadhom ma daħlux fis-seħħ, jenħtieġ li l-proposta li jiġu ppubblikati r-Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3) ma tiġix appoġġata. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa biss it-teħid ta' nota tar-Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3) u tipproponi li tiġi posposta kwalunkwe azzjoni oħra sakemm tidħol fis-seħħ. Jekk ir-Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3) tidħol fis-seħħ qabel it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja u tikkorrispondi għall-verżjoni mhux uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tal-UNECE, l-Unjoni jenħtieġ li tipproponi li l-Awtorità superviżorja tapprova r-Regoli Mudell (ir-Reviżjoni 3).
- (6) Fil-biċċa l-kbira, l-emendi proposti tal-Istatuti tal-Awtorità Superviżorja huma limitati għall-kjarifika tal-ħidma tal-Kummissjoni ta' Esperti, bħala korp konsultattiv għall-Awtorità Superviżorja. Dawk l-emendi huma fl-interess tal-Unjoni peress li jiċċaraw ir-rwol tal-Kummissjoni ta' Esperti u jiffaċilitaw il-ħidma tal-Awtorità Superviżorja. Għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati.

- (7) L-emendi proposti għar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja huma ħafna u għandhom impatti differenti. Dawk l-emendi jinkludu l-eliminazzjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata bħala l-għażla ta' votazzjoni prestabbilita fl-Awtorità Superviżorja, li jwassal għal konsegwenzi fuq il-kworum, it-tfassir tar-rekwiżit li ufficial tal-Uffiċċju Superviżorju jiġi ssekondat minn membru wieħed ieħor tal-Awtorità Superviżorja, u r-rilokazzjoni sistematika u l-kjarifika tad-drittijiet tal-vot tal-Unjoni. Il-maġġoranza tal-emendi proposti se jwasslu għal kjarifiki importanti ta' dawk ir-Regoli ta' Proċedura u jtejbu l-proċeduri ta' ħidma tal-Awtorità Superviżorja. Madankollu, ir-regoli dwar il-votazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub u approvazzjoni taċita jistabilixxu skadenzi qosra ħafna, li mhumiex biżżejjed biex jippermettu t-twettiq tal-proċeduri interni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjoni. Barra minn hekk, is-suġġetti li fuqhom jistgħu jiġu adottati deċiżjonijiet b'approvazzjoni taċita jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar u espliċitu. L-emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja jenħtieġ għalhekk li jiġu appoġġati, soġġetti għal ċerti emendi fir-rigward tar-regoli dwar il-votazzjoni permezz tal-proċedura bil-miktub u l-approvazzjoni taċita,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita permezz tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji (l-“Awtorità Superviżorja”) hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja jistgħu jaqblu fuq xi tibdil minuri fil-pożizzjonijiet stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
